**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 574 / 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit**
**u Spettur Stephen Gulia)**
**vs**
**Leon Lee Zammit**
**(ID 0351099(M))**
**u**
**ommisses**

Illum 22 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Leon Lee Zammit ta' 21 sena, iben Maria Pia Zammit, imwieled fil-15 ta' Ottubru 1999 gewwa l-Pieta`, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0351099 (M) u residenti gewwa 33, L-Ghabex, Triq Gian Nicol Buhugiar, Lija; u ommisses akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fit-28 ta' Settembru 2020 ghall-habta ta' bejn id-21.30 hrs u l-22.30 hrs ta' filghaxija, gewwa Triq Ramlet il-Qortin, l-Ahrax, limiti tal-Mellieha kkommettew serq ta' oggetti minn gewwa karavan, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tliet mija, disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-hin u li

sar ghad-dannu ta' Charlot Casha, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 458473(M);

2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw hsara fuq il-persuna ta' Charlot Casha, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin ewro (€250);

**Lil Leon Zammit wahdu akkuzat ukoll talli:**

1. Fit-28 ta' Settembru 2020, ghall-habta ta' bejn id-21.30 hrs u l-22.30 hrs ta' filghaxija, gewwa Triq Ramlet il-Qortin, l-Ahrax, limiti tal-Mellieha kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Mifsud LL.D., datata 6 ta' Novembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Grech LL.D., datata 6 ta' Mejju 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 u 412C tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta` tal-persuni fuq indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti fir-rigward tal-imputat **Leon Lee Zammit**, wara li rat l-Artikoli 17 (h), 28 B (2) (b), 49, 261 (b), (c), (e) u (f), 263, 267, 269, 270, 278 (3), 279 (a), 280 (2), 289 u 325 (1) (c) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghditu taht Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum, taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li dwarha l-istess imputat gie akkuzat wahdu (ossia illi huwa kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 B (2) (b) tal-Kodici Kriminali ordnat li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza erogata fil-konfront tieghu bis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversement preseduta mill-Magistrat Dr. J. Mifsud tas-6 ta' Novembru 2019, jerga' jibda jiddekorri mill-gdid mil-lum stess.

In oltre fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha l-istess imputat gie akkuzat wahdu ossia l-ksur tal-Ordni ta' *Probation* mertu tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu minn din il-Qorti kif diversement preseduta mill-Magistrat Dr. Simone Grech tas-6 ta' Mejju 2019, trattat mal-istess Leon Lee Zammit dwar ir-reati mertu ta' dik is-sentenza, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati u filwaqt illi ghal kull buon fini kkonfermat l-htija tieghu fir-rigward tal-istess, wara li rat l-Artikoli 18, 41 (1) (a),

261 (a), (b), (c), (d), (e) u (f), 262, 263, 267, 268, 269, 270, 276, 277 (b), 279 (b) u 280 (2) tal-Kodici Kriminali, kkundannatu ghal piena ta' tletin (30) xahar prigunerija effettiva.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Leon Lee Zammit bi kliem car u semplici bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-*Probation* jew kemm il-darba huwa jonqos milli josserva l-kundizzjonijiet tal-istess Ordni, u kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza. Stante li ma gewx mahtura esperti f' dawn il-proceduri, astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.
Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole.*

Gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi illi Leon Lee Zammit ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja li juwa jehtieg, inkluz sabiex ikompli bir-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Leon Lee Zammit minnu pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tirrifoma s-sentenza appellata billi (a) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati u bla pregudizzju ghal dak fuq espost f' kaz li din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax dan l-appell tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjen anke permezz ta' Community work.

Rat illi l-esponent hassu aggravat mis-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Rat illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. **ILLI** tenut kont li l-appellant qabel sforz kbir sabiex jibdel hajtu kompletament xorta wahda xi rinfaccat b' piena kalcerja u dana wara li mhux biss gheleb il-vizzju tad-droga izda kien hemm bdil radikali f' hajta, sab xoghol fiss u bena hatu mill-gdid u qieghed bil-ghaqal f' ambjent ta' familja fejn qieghed ukoll irabbi tarbija u jipprovdi ghaliha

2. **ILLI** l-Qrati nostrana m' ghandhom ikunu aversi ghal progess li wera lappellant miz-zmien li wettaq dan ir-reat u forsi huwa l-kaz li jinghata kuragg ghal bidla radikali li l-appellant wettaq f' hajtu. Il-Qrati ghadhom rrikonoxxew din is-sitwazzjoni u f' kazijiet kongruwi dejjem ghenu dak li jkun ikompli fil-hajja responsabbli li jkun wera, anke meta l-precedenti ma jkunux sbieh. Fil-kawza "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et" (9 ta' Ottubru, 2008) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet fost affarijiet ohra "Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik ilpersuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija".

3. ILLI dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra li hawn tezisti din l-opportunita` u jkun ghaqli li tigi sfruttata, anki jekk hemm bzonn b' terminu ta' probation iehor. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq imsemmija kompliet tghid : "Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax ilmizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont

xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, millbanda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446."

4. Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tqis u tikkonsidra li dan hu wiehed mill-kazijiet "*li jikkwalifikaw*" u l-appellant jimmerita li tinfetahlu din it-tieqa ta' opportunita` b' awgurju li jisfruttha bl-aktar mezz possibbli u jirreciproka dik il-fiducja li l-Qorti qeghda turi fih.

5. Illi l-gurisprudenza f' diversi kawzi decizi mill-Qrati Maltin fejn persuni misjuba hatja inghataw cans biex jirriformaw ruhhom anki meta f' dawn is-sentenzi kienu misjuba hatja ta' reati hafna iktar gravi minn dak li nstabet hatja l-appellanta fil-kaz odjern fosthom :

**<u>a) Pulizija vs Dennis Portelli et</u>**. deciza mill-Qorti tal-Appell 26/11/09, fejn ghalkemm lAvukat Generali kien appella minn sentenza sospiza li nghatat fil-konfront talakkuzat minhabba l-fedina penali tieghu, l-Qorti xorta kienet tal-opinjoni li tenut kont tal-ammissjoni u ko-operazzjoni tal-akkuzat u ghalkemm kellu fedina penali pjuttost twila l-hati xorta ma kienx "beyond redemption";
b) **<u>Pulizija vs Duranovic Coreschi</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14/09/10, fejn lakkuzat kien misjub hati ta' pussess ta' droga eroina bhalma hu l-kaz odjern u li kien anki kkommetta reat waqt li kien taht ordni moghti lilu mill-Qorti. Sakemm kien gie kkundannat il-hati kien beda jahdem u xtara karozza u kien rabba l-ghaqal. Il-Qorti tal-Appell waslet ghall-konkluzjoni li anke fl-interess suprem tas-socjeta l-appellant kellu jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jehles darba ghal dejjem mill-vizzju taddroga u rriformat is-sentenza ta' l-Ewwel ~Qorti billi

qeghdet lill-appellant taht ordni ta' probation filwaqt li ghar-reati li dwarhom kienet inghatat sentenza precedenti, bis-sahha tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta infliggiet il-piena ta' multa;

c) **<u>Pulizija vs George Farrugia</u>** deciza fil-Qorti tal-Appell nhar it-18/01/01 fejn ilprosekuzzjoni u l-Ewwel Qorti kienu tal-fehma illi l-hati zgur li ma kellux cans li jibdel hajtu u li s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha kienet wahda irriversibbli. Il-Qorti tal-Appell ghalkemm qablet li l-fedina penali tal-hati kienet wahda twila xorta kien hemm cans ta' riabilitazzjoni u li kienet il-mewt biss li twaqqaf dan ic-cans. Il-Qorti kienet anki ddikjarat li l-probation ma kelliex tapplika biss ghal "*first offenders*" u la kien hemm "*prospect of success*" wiehed ghandu jinghata dejjem l-ahhar cans.

d) **<u>Pulizija vs Grezzju sive Horace Cassar</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/08/02, fejn f' dan il-kaz l-akkuza kienet anke wahda ta' serq u ferita fuq il-persuna. Ghalkemm kien hemm involuti vittmi tar-reat, il-Qorti xorta kienet tal-fehma li jekk jerga` jintefa l-habs dan jerga jmur lura fit-triq li kien fiha qabel ma kien ghamel ilprogramm tal-Caritas. F' dan il-kaz kien xehed ukoll l-assistent direttur tal-Caritas li kien tal-fehma li l-akkuzat ma jintbaghatx il-habs. Fl-istess sentenza l-Qorti kienet tal-fehma li l-piena ma ghandiex tkun biss bhala deterrent u/jew retribuzzjoni sabiex wiehed ihallas ghal dak li jkun ikkaguna imma ghandha tkun riparatorja u restorattiva fis-sens li safejn ikun possibbli ghandu jsir tentattiv sabiex wiehed ikompli jsegwi t-triq it-tajba li jkun qabad tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe` l-progress kbir ta' riforma li ghamel l-imputat. Il-Qorti tkompli tghid li wiehed ghandu jinghata "window of opportunity

(e) **<u>Pulizija vs John Farrugia</u>** decia mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25/04/06, fejn f' dan il-kaz piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Qorti giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita` a tenur tal-artikolu 11 tal-Kap. 446 talLigijiet ta' Malta;

f) **<u>Pulizija vs Charlot Aquilina</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-7/11/08 fejn il-Qorti sahqet fuq il-bzonn illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja

taghha la darba turi bic-car li hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz ir-reati kienu ta' natura serja u lakkuzat kien recediv pero` l-Qorti xorta taghtu cans iehor billi giet imposta Ordni ta' Probation;

Illi fid-dawl ta' dak li inghad iktar il-fuq u anki fid-dawl tas-sentenzi citati l-appellanta tikkontendi illi ghar-rigward ta' kalibrazzjoni ta' piena, wiehed m' ghadnux jikkonsidra biss l-aspett ta' retribuzzjoni jew deterrent li ghandu jkun rifless f' sentenza imma ghandu wkoll iqis l-impatt ta' tali piena fuq il-persuna misjuba hatja. Filkaz odjern il-hsara lejn is-socjeta` kienet minima u l-appellanta qieghed turi bic-car li ma tridx terga lura lejn il-hajja ta' qabel. Dan urietu bic-car billi segwit il-programm tal-l-Oasi b' success u anki billi sab impjieg fiss. Wiehed irid jikkonsidra l-fatt ukoll li hawn si tratta ta' reati li sehhew aktar minn sentejn ilu.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell minn sentenza tal-ewwel Qorti fejn l-akkuzat appellant kien irregistra ammissjoni u dan fl-ewwel seduta li giet appuntata ghas-smiegh taghha u cioe nhar it-28 t'Ottubru 2020.[1] Illi dakinhar stess l-ewwel Qorti kienet spjegat il-konsegwenzi legali ta din l-ammissjoni inkluz il-piena kontemplati mill-ligi ghal dawn ir-reati u wara li inghata hin sufficjenti biex jerga jahsibha u anke jirtira l-ammissjoni tieghu l-akkuzat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu pero l-avukat difensur tieghu kien talab il-hatra ta' ufficcjal tal-probation sabiex jghamel pre-sentencing report dwaru u t-talba taghha giet akkordata dakinhar stess u ddifferiet il-kawza sabiex jigi esebit dan il-pre-sentencing report.

[1] Fol. 5 tal-atti

Jinghad ghalhekk li f'din il-kawza l-akkuzat appellant kien irregistra ammissjoni. Jinghad li fir-rikors tal-appell l-akkuzat appellant qed jitlob revoka tas-sentenza appellata u ghalhekk qed jirtira l-ammissjoni tieghu pero ma jaghti l-ebda spjega ta' dan u jibbaza r-rikors tal-appell tieghu fuq kwistjoni ta' piena u cioe li l-piena moghtija kienet wahda sproporzjonata u ghalhekk ghandha tigi riveduta. Ghalhekk f'nifs wiehed qed jappella mill-ammissjoni tieghu u fit-tieni nifs qed jibbaza l-appell tieghu biss fuq kwistjoni ta' piena.

Issa jinghad l-ewwel nett illi fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna[2], meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella**, 2 ta' Dicembru 2005).

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti : -

---

[2] Vide **il-pulizija vs Stanley Siteri** deciza fis-16 ta' Ottubru 2006 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk ilpiena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena kif mistqarr fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Tarquin Vella** deciza nhar il-15 ta' Settembru 2020 , *il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.*

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :
It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other*

*dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*
*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Dik l-istess Qorti tkompli tipprovdi li mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati

fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

*Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan

is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler *tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

Illi f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati.

Illi pero' sicome si tratta fuq kwistjoni ta' piena l-Qorti ezaminat il-process u appuntu l-provi mressqa u dan biex tara jekk hemmx lok ghal temperament fil-piena.

L-ufficcjal tal-probation **Maryanne Zammit** ipprezentat is-social inquiry report taghha markat bhala dok MZ nhar l-1 ta' Frar 2021. Minn ezami tal-istess jirrizulta li ilha ssegwih fuq divesi ordnijiet ta' probation u mill-analizi taghha jirrizulta li pprovat kemm il-darba tatih hafna possibilitajiet. Tghid li ghalkemm ghandu familja li tissportjah hafna specjalment min naha tan-nanniet jidher li anke jghinuh biex isib ix-xoghol izda l-problema ta' droga baqghet dejjem frekwenti fil-hajja tieghu. Ghalhekk bhala recomendations hasset li jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha biex ikun jista' jindirizza l-problema ta' droga permezz ta' programm. In kwantu ghal urine testing tghid li kien hemm daqxejn ta' problema ghaliex tatu appuntament biex imur nhar is-27 ta' Jannar 2021 izda ma marx. Il-problema tieghu hija t-tehid ta' droga kokaina. Tghid li l-appellant jahdem fil-construction u ghalhekk ipprovat tatih appuntament jew fis-sitta u nofs x'hin jibdew jew inkella tistenni sal-erbgha u nofs meta ikollhom in-nurser pero kienet tkun daqxejn ta' problema ghalih biex imur.

Illi nhar l-14 ta' Gunju 2021 l-ufficcjal tal-probation regghet xehdet u spjegat li kienet ghadha qed izomm kuntatt mal-appellant pero stqarret li dan mar jghix Ghawdex u mar ifittex l-ghajnuna ta' ufficcjal ta' probation Ghawdex certu Joseph Mizzi. Tispjega li minn dak li rrizultalha fis-17 ta' Mejju 2021 l-appellant mar ifittex lill-ufficcjal tal-probation Joseph Mizzi u qallu li kellu krizi mat-tfajla u ghalhekk kien rega waqa u abbuza mid-droga kokaina. Wara din id-data regghu hadulu kampjun tal-awrina u rrizulta li kien negattiv ghall-prezenza ta' droga. Spjegat ukoll li kien jinsab taht Treatment Order u li kien qed jigi segwit minn psikologa.

**Joseph Mizzi** xehed nhar il-5 t'Ottubru 2021 u kkonferma li kien ilu isegwih mill-5 t'Awwissu 2021 u dan ghaliex kien mar jghix Ghawdex. Dan kien ikkonferma li mis-17 ta' Mejju 2021 'l quddiem kien hadlu sebgha testijiet tal-awrina u kien biss l-ewwel wiehed li rrizulta posittiv ghad-droga kokaina u dan sehh skond ma l-appellant qal lix-xhud li kellu xi problemi mas-siehba tieghu. Is-sitt testijiet ta' wara kollha taw rizultat negattiv ghas-sustanzi kollha. Qal li in segwitu anke beda kuntatt mal-OASI sabiex ikompli jiehu t-trattament li hemm bzonn. Jghid li dejjem attenda ghal kull appuntament. Ghalhekk ghandu rapport posittiv x'jaghti lil Qorti.

Illi l-ufficjal Joseph Mizzi rega xehed quddiem din il-Qorti nhar il-25 t'Ottubru 2022 u kkonferma li l-appellant baqa izomm kuntatt regolari mieghu. Qal li qed isegwih fuq Ordni ta' Probation u ta' Supervizjoni. Qal li ccempillu ta' kuljum u jghidlu kif ikun sejjer. Qal li jiltaqa' mieghu darba fix-xahar minhabba li ghandu ix-xoghol pero jghid li irid jghamel mezz li jattendi ghall-aktar appuntamenti de viso. Qal li l-appellant dejjem jahdem u dejjem ikollu impieg regolari u jghamel ukoll xoghol part-time fl-istess hin. Qal li jsib hafna ghajnuna minghand nannuh li jghin jibqa stabbli. Ghandu supervizjoni biex jibqa ghaddej fit-triq it-tajba. Qal li urine tests ricenti ma kellux izda dawk ta' qabel kienu kollha negattivi ghal

presenza ta' droga. Baqa' f'relazzjoni tajba u stabbli mat-tfajla tieghu. Jghid li mieghu baqalu sena taht supervizjoni. Huwa jiddependi fuq nannuh li fakru fl-appuntamenti u ma hux motivat mhux ghax ghandu intenzjoni hazina izda minhabba l-pressjoni ta' xoghol jinsa li jkollu appuntament allura nannuh ifakru. Minkejja l-hajja pjuttost rafrettarja ta' l-appellant (kif riflessa fil-fedina penali tieghu a fol. 207 et seq) din il-Qorti m'hijiex aversa ghad-dikjarazzjoni ta' Joseph Mizzi in rapprezentanza tal-ufficcju tal-probation illi llum l-appellant huwa persuna li ghamel progress f'hajtu, ghandu xoghol full time u part time u certa stabbilita f'hajtu. M'hemmx dubju illi dan huwa mertu tieghu kif ukoll ta' professjonisti ohra illi dahlu biex jghinu lill-appellant u lill-istess appellant u li b'rieda tajba u determinazzjoni qed juri illu huwa lest illi jkun cittadin onest fis-socjeta illi huwa jghix maghha. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti lesta li thares lejn il-kaz ta' l-appellant b'mod favorevoli u taghmel referenza ghall-kawza citata mid-difiza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 2008 **Il-Pulizija vs Vitmar Hatterly u Justin Farrugia** fejn din fost affarijiet ohra qalet, "*Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux kalcerarji a dispozizzjoni taghha bl-applikazzjoni taghhom bl-addoc u minghar ma tiehu kont xieraq ta' l-anticedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra mis-sempli fatt li persuna tkun precidentament inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista jew m'ghandiex f'kazijiet li jikkwalifikaw terga tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikanta fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap 446 ....*".

Din is-Sentenza kkwotat b'success kawza ohra ukoll citata mid-difiza fir-rikors tal-appell taghha deciza mill-Qrati taghna **Il-Pulizija vs George Farrugia** tat-18 ta' Jannar, 2001 fejn ukoll fost affarijiet ohra, dik il-Qorti kienet qalet, "*Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma l-Avukat Generali fejn dana jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija rriversibli – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' rriversibilita assoluta – anqas ma tista din il-Qorti tikkonvidini l-fehma ta' l-Avukat Generali li ordni ta' probation hu ndikat biss ghal first offerners zaghzagh. Anki fil-kaz*

*ta' persuna ta' eta' mhux zghira li forsi hu recidiv tista titfacca fil-hajja ta' dik l-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija ....".*

Forsi f'dan il-kaz, tfacca ghall-appellant dan "window of opportunity" sabiex huwa jkompli jsegwi u juri dak il-progress illi wera s'issa.

L-appellant irid ukoll jirrealizza li ghandu jkompli jattendi l-appuntamenti **kollha** mal-professjonisti illi qeghdin hemmhekk biex jghinu u jirrealizza wkoll illi jekk huwa xi darba ma jikkoperax jew jerga lura ghall-hajja ta' qabel, din id-darba m'huwiex se jkollu opportunitajiet ohra u hija l-bieb tac-cella tal-habs illi tinghalaq warajh. Ghal din id-darba pero' sejra taghti l-beneficcju tad-dubju u tawgora illi l-appellant verament biddel hajtu u jzomm l-istabilita illi s-issa wera f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi fil-waqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' akkuzi kollha fuq ammissjoni tieghu stess fil-waqt li fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikou 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghditu taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett snin millum taht il-kundizzjonijiet elenkati f-istess Ordni annessa mas-sentenza liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza ukoll. Qeghda tirrevokaha fir-rigward tal-ewwel akkuza li inghata fil-konfront tieghu wahdu u cioe li kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B (2) (b) ordna li l-perjodu tas-sentenza operattiva tibda tiddekorri u minflok tordna li l-perijodu operattiv ta' dik is-sentenza moghtija mill-magistrat Dr. Joseph Mifsud nhar it-6 ta' Novembru 2019 terga tibda tiddekorri mill-gdid. Dwar it-tieni mputazzjoni fejn l-appellant gie akkuzat li kiser Ordni ta' Probation merti tas-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Simone Grech tas-6 ta' Mejju 2019

qeghda titratta mal-istess Leon Lee Zammit dwar ir-reati mertu ta' dik is-sentenza daqs li kieku gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati u filwqt li tikkonferma l-htija kif espressa mill-ewwel Qorti minflok ma tikkundannah ghal piena ta' tletin xahar prigunerija effettiva, qeghda tpoggih taht ordni ta' probation ghal perijodu ta' tlett snin millum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti wisset lill-appellant Leon Lee Zammit bi kliem car u semplici bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkometti reat iehor waqt il-perijodu operattiv tal-ordni tal-Probation jew kemm il-darba jonqos milli josserva l-kundizzjonijiet tal-istess Ordni u kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli b'prigunerija waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole Services bil-ghan li possibilment jigi nominat l-ufficcjal tal-Probation Joseph Mizzi u dan sabiex ikompli jahdem fuq l-appellant bil-ghan li izommu fit-triq it-tajba li qabad.

L-Ordni tal-Probation moghtija minn din il-Qorti hija hawn annesa ma din is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appelli Kriminali**

**Imhallef**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Lydon Zammit**

**Spettur Stephen Galea**

**VS**

**LEON LEE ZAMMIT**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

Seduta ta' llum, 22 ta' Novembru 2022

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **LEON LEE ZAMMIT** ta' wiehedu ghoxrin sena sena bin Maria Pia Zammit imwieled Pieta nhar l-hmitaxt-Ottubru 1999 u residenti 3 l-ghabex Triq Gian Nicol Buhagiar Lija detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru 0351099(M) tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna lil persuna imputata titqiegħed taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taħt dawn il-ħtiġijiet:

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata għandha ġġib ruħha tajjeb, tgħaddi ħajja ta' bżulija u toqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluż kull direttivi li l-Probation Officer jħoss li jkunu neċessarji sabiex ma tiffrekwentax ċertu postijiet u/jew ċerti nies;

2. Illi l-persuna mputata għandha tibqa żżomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jagħtiha minn żmien għal żmien u partikolarment hija għandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tirċievi żjarat tiegħu fid-dar tagħha;

3. Illi l-persuna mputata għandha minnufih tgħarraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xogħol tagħha;

4. Illi l-persuna mputata għandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-ħin li jiġu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imġieba tal-persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata tkompli tindirizza l-problema li kellha ta abbuż t droga billi isegwi l-ordnijiet tal- uffiċċjal tal-probation u jekk hemm żbonn issegwi l-kura ta psikologa ukoll.

6. Li l-persuna mputata tagħti kampjunt al-awrina tagħha kul meta tiġi hekk msitoqsija mill-uffiċċjal tal-probation b'dan ili jekk ikun hemm riżultat wieħed li huwa posittiv għal preżenza ta droga dan ikun

ifsisser likiser l-ordni tal-probation u jerga jigi kundannat mill-gdid ghar reati li taghhom instab hati

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.

……………………………..
……………………………..

Consuelo Scerri Herrera LL D
Imhallef